# Il-Ħidma Kulturali ta' Ninu Cremona

Ta' ANTON AGIUS MUSCAT

Mhux ħabta u laqta għażilt il-kelmiet: il-ħidma kulturali ta' Ninu Cremona. Ma għidtx letterarja, iżda kulturali. Anqas ma ktibt Dr. Ant. Cremona. Kont sejjer inniżżel, 'Is-Sur Nin', iżda sejħa bħal din, bħallikieku jmissha toqgħod biss għal meta qiegħed titkellem ma' ħaddieħor, ma tmurx sabiex tagħti isem lil kelmtejn.

Is-sejħa Dr. Ant. Cremona tixraqlu u toqgħodlu lis-'Sur Nin'. Ħadem għaliha u ħadem bis-sħiħ. Kif naraha jien, l-Università Rjali ta' Malta, bħala l-ogħla dar ta' tagħlim f'Malta, ġabet ruħha miegħu f'għamla li jmissha tkun ta' turija lill-Poplu Malti kollu kif in-Nazzjon — jekk jixtieq li jimxi 'l quddiem f'Indipendenza mhux biss politika, iżda wkoll intellettwali — imissu jweġġaħ lil min iħabrek sabiex il-poplu jagħraf jarfa' rasu kulturalment. U għalhekk hawn fuq ktibt 'ħidma kulturali' u mhux 'ħidma letterarja'. Ix-xogħol tas-'Sur Nin' barra li tista' tħares lejh bħala letterarju, għandu bixra kulturali. Jixraq ingħiduha llum qabel għada li l-Università Rjali ta' Malta b'għemil wieħed tagħha rnexxielha tagħti żewġ tagħlimiet lil min jixtieq jifhimhom. Barra li bħala korp akkademiku tat lis-'Sur Nin' id-Dottorat fil-Letteratura *honoris causa*, bħala korp akkademiku li minnha n-Nazzjon jistenna trawwimlu n-nies li s-soċjetà maltija tistenna bosta minn għandhom, hekk ukoll is-soċjetà maltija jmissha tistenna minn għand il-politiċi tagħha, u dan tistennieh bħala jedd, illi jagħtu l-wens li jistħoqqlu lil dak il-Malti li jaħdem għall-kultura Maltija. Mingħajr kultura Maltija, ma nistgħux inrawwmu Nazzjon kburi bih innifsu, intellettwalment ħieles minn qafas politiku barrani għall-kultura Maltija: f'kelma, kultura li bil-jedd u b'wiċċha minn quddiem tista' tissejjaħ tabilħaqq nazzjonali.

Is-'Sur Nin' għaraf dan kollu u ħadem għalih. Huwa minnu li miegħu kien hemm oħrajn. Insemmi lil Ġanni Vassallo, Saver Franġisk Caruana, P.P. Saydon, 'Dun Karm' u Ġuże' Muscat-Azzopardi. Min magħruf għal ħaġa u min għal oħra minnhom. Ma nafx jekk il-ġrajja tagħhom inkitbitx kollha: aktarx li le. Kif naraha jien, għad ma ssemmietx kollha l-ħidma kulturali fil-qafas storiku tagħha li rnexxielu jagħmel is-'Sur Nin'. Dan ma sarx mhux għal ħaġa oħra għajr għax il-ġrajjiet li fihom għex u ħadem is-'Sur Nin', għadhom qribna wisq, u hawn Malta minħabba li bosta jsibuha bi tqila jmissu ġrajjiet 'jaħarqu', mhux ħaġa kbira s-sewwa ma jingħadx kollu



jew jingħad f'għamla 'sabiħa' u 'ħelwa'. Ingħiduha, 'Is-Sur Nin' kellu bħallikieku jorbot iċ-ċoff ta' egħluq ta' snin fuq snin ta' kontroversja sħiħa dwar ortografija Maltija, fi żmien ta' ħidma politika li hija wkoll kienet it-tmiem ta' era u bidu ta' awtonomija politika. 'Is-Sur Nin' qeda dmiru bil-għaqal. Fehem sewwa għal xiex daħal u għalhekk min kien midħla tiegħu, kien jaf kemm hu kien jisħaq dwar għaqda fil-ħsieb u fil-fehma dwar ortografija maltija. Mhux għax għal ħaġa oħra kien bħal omm għassa lejl u nhar, moħħu jħewden dwar il-ġejjieni tat-tarbija: hu għaraf sewwa ż-żmien x'kien qed jitlob minnu, u qeda dmiru ta' raġel lejn in-nazzjon Malti. Malta Indipendenti llum qiegħda tieħu mill-benna ta' dak ix-xogħol seminali. Aktarx, Malta tal-lum mhix għajnejha miftuħa kif imissha dwar ix-xogħol li sar u qiegħed isir minn nies li għadhom ħajjin. It-tama hi li meta Malta tagħraf aktar tieħu Indipendenza Kulturali, u xxidd il-wirt kolonjali, Malta ta' għada tagħraf tkun aktar qalbha f'idha ma' min ħadem biex is-soċjetà Maltija tistagħna kulturalment.

Għala nsejjaħlu s-'Sur Nin'? Għax ħabib u ta' ġewwa. Għalhekk ktibt dawn il-ħsibijiet. Meta l-kotra tal-Poplu Malti titgħallem aktar it-tifsira ta' Indipendenza Kulturali, jiżdiedu l-ilħna li jifhmu aktar u aħjar għax 'Is-Sur Nin' huwa tabilħaqq ħabib u ta' ġewwa għall-Kultura Maltija.

---

## IS-SUR NINU CREMONA u L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Jiddispjaċini li jkolli ninfired mix-xogħol tal-"Għaqda" li fiha għixt magħha mill-bidu tal-ħajja tagħha u li fiha jiena ħdimt bil-qalb għall-ġid tagħha, xi mindaqqiet kontra l-interessi privati tiegħi... nibqa' ngħożż u nżomm bħala l-iktar tifkira għażiża l-ħajja akkademika li jien għaddejt magħkom...

*(Silta minn ittra li Ninu Cremona bagħat ftit qabel miet lill-President tal-Akkademja tal-Malti)*